# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 181/18 JVC**

**CARMEN BRADDICK SOUTHGATE (**karta ta' l-identita nru: 578141M) u **JOSEPH SCERRI** (karta ta' l-identita' nru: 88048M)

**vs**

**TERESA sive TESSIE CASSAR (**karta ta' l-identita' nru: 1592437 (M) u **GIACCHINO SCERRI** (karta ta' l-identita' nru: 250644(M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Carmen Braddick Southgate kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

i. 'Illi l-kontendenti huma lkoll ahwa ulied il-mejtin Helen u Carmelo konjugi Scerri;

ii. Illi Helen Scerri mietet fl-10 ta' Lulju 1998, filwaqt illi Carmelo Scerri miet fis-7 ta' Marzu 2002;

iii. Illi l-konjugi Scerri kienu ghamlu testament *unica charta* fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani fit-13 ta' Ottubru 1992, filwaqt illi sussegwentament, Carmelo Scerri wahdu kien ghamel testament iehor, din id-darba wiehed sigriet, fl-20 ta' Novembru 1988, debitament ippubblikat fl-10 ta' Settembru 2002, u jinsab fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani;

iv. Illi fit-testment *unica charta* hawn fuq msemmi, il-konjugi Scerri kienu hatru bhala unici eredi universali taghhom u fi proprjeta' assoluta lill-erba' uliedhom hawnekk kontendenti, filwaqt illi bit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998, Carmelo Scerri kien hassar it-testmenti kollha li kien ghamel qabel u filwaqt illi iddizeredita kompletament u totalment liz-zewg uliedu hawnekk atturi, ossia, Carmen Braddick Southgate u Joseph Scerri, istitwixxa bhala eredi universali u proprjretarji assoluti tieghu liz-zewg uliedu l-ohra hawnekk konvenuti, ossia, Teresa Cassar u Giacchino Scerri fi kwoti indaqs bejniethom;

v. Illi b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru 2015 (Citazzjoni Nru : 910/2004AF) fl-ismijiet Carmen Braddick Southgate u huha Joseph Scerri vs Teresa sive Tessie mart Harry Cassar u Giacchino Scerri, liema sentenza marret in gudikat minghajr appell, gie deciz illi missier il-kontendenti, cioe' Carmelo Scerri, ma kellu ebda dritt li jaqta lill-atturi mill-wirt u ghalhekk iddikjarat illi id-disposizzjoni ta' dizeredazzjoni fit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru 1998 hawn fuq msemmi ma kinitx tiswa, filwaqt illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddikjarat illi l-hawnekk atturi huma intitolati ghall-legittima mill-wirt ta' l-istess Carmelo Scerri;

vi. Illi b'hekk, jirrizulta illi l-istat attwali tal-partijiet kontendenti huwa illi lkoll huma eredi fi kwoti indaqs tal-eredita' ta' ommhom Helen Scerri, izda l-atturi ghandhom jedd biss il-leggittima mill-wirt ta' missier il-kontendenti Carmelo Scerri, u kwindi ghandi jigi likwidat l-korp tal-assi ereditarji ta' Carmelo Scerri, tigi mahduma u kkalkolata il-legittima spettanti lill-atturi u konsegwentament tithallas tali legittima mill-intimati lill-atturi;

vii. Illi l-kontendenti la qabblu dwar l-assi ereditarji tal-genituri taghhom u wisq anqas qabblu dwar kif ghandhu jinqasam il-wirt taz-zewg genituri taghhom, hekk kif ukoll ma qabblux dwar x'inhu is-sehem tal-atturi mill-wirt tal-missier in kwantu il-leggittima spettanti lilhom;

viii. Illi r-rikorrenti ma jixtiequx illi jibqghu izjed fil-komunjoni mal-intimati huthom fil-beni tal-mejtin genituri taghhom, u jixtiequ illi jsir il-qsim tal-wirt fil-kwoti rispettivi u dan wara illi

ssir il-likwidazzjoni tal-assi mhollija minn kull wiehed u wahda mill-genituri tal-kontendenti u id-determinazzjoni tas-sehem;

xi. Illi saru diversi tentattivi sabiex dan isir, izda l-kontendenti baqghu ma ftehmux bejniethom u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

**Ghaldaqstant** ir-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. **Tillikwida** separatament, l-assi ereditarji tal-mejtin Helen Scerri u Carmelo Scerri, omm u missier il-kontendenti, billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u immobbli kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. **Taqsam** l-istess assi ereditarji ta' Helen Scerri f'erba porzjonijiet b'mod ugwali bejn il-partijiet, u sa fejn dan ma jkunx possibbli, billi tordna l-ekwiparazzjoni u/jew il-bejgh tal-oggetti formanti parti mill-assi ereditarji tal-istess Helen Scerri, sabiex ir-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-kontendenti.

3. **Tillikwida** s-sehem tal-atturi mill-wirt ta' missierhom Carmelo Scerri qua id-dritt taghhom ghall-legittima mill-istess wirt;

4. **Tiddikjara** illi l-atturi ghandhom jithallsu mill-konvenuti dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tielet talba.

5. **Tikkundanna** lill-intimati qua eredi ta' Carmelo Scerri illi jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tielet talba, bl-imghax skond il-ligi (Art. 615(2) tal-KAP 16);

6. **Tordna** illi f'kaz ta proprjeta' ta' xi wiehed mill-genituri tal-kontendenti li kienet fil-pussess ta' xi hadd mill-kontendenti ma ghadiex tezisiti, sabiex tali kontendent jhallas lill-kontendenti l-ohra is-sehem taghhom mill-valur tal-istess proprjeta', prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna;

7. **Tawtorizza,** jekk ikun il-kaz, lill-Banek kummercjali sabiex jirrilaxxjaw fondi/flus li talvolta jistghu jinsabu depositati fil-Banek lill-kontendenti skond il-kwoti rispettivi tal-kontendenti u fi kwalunkwe kaz, kif ser jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2016, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Tessie Cassar u Giacchino Scerri li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-atturi ghandhom jipprezentaw r-ricerki testamentarji tal-mejta Carmelo u Helen konjugi Scerri.

2. Illi preliminarjament ukoll, din il-kawza saret inutilment u b'pika stante li l-esponenti kienu dejjem disposti li jghaddi sehem l-atturi mil-wirt ta' ommhom Helen Scerri u s-sehem rizervat ta' missierhom Carmelo Scerri tenut kont li assi l-mejta ma kellhom

kwazi xejn u kienu l-atturi li qatt ma ghaddew lill-intimati s-segwenti:

(i) Dok H cioe inventarju u stima ta' oggetti mhollija fil-fond tal-genituri liema oggetti jinsabu fil-garage proprjeta ta' Giaacchino Scerri gewwa St Andrews u l-atturi ghalkemm interpellati ma marrux ghal tali oggetti;

(ii) Dok K - l-esponenti dejjem qablu dwar l-istima tad-deheb moghtija mil-konslu; u Dok L - saret stima taghhom u tinsab Dok J. Jigi rilevat ukoll li Dok K huwa prezentat doppjament.

3. Illi preliminarjament ukoll l-atturi ghandhom jiddikjaraw bil-gurament taghhom li ma missew xejn mill-assi ta' missierhom Carmelo Scerri u lanqas ghandhom jaghtu xi flus mislufa lilhom minn l-istess genituri taghhom.

4. Illi bla pregudizzju ghal premess, u sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri l-esponenti jirrilevaw li li jaqblu mal-istima moghtija f' dok H ghalkemm l-atturi qatt ma ghaddewlhom kopja taghha; li jaqblu mal-inventarju imsemmi f'dok I liema inventarju kien sar fil-prezenza tal-esponenti u jaqblu mal-istima moghtija f'dok J liema stima saret mill-konvenuti izda l-atturi qatt ma infurmaw lill-esponenti li jaqblu maghha; li jaqblu mal-istima Dok K liema stima saret bi qbil mal-partijiet kollha ghand il-Konslu. Rigward Dok L dawn -oggetti jinsabu imsemmija bhala item 23 u item 106 u item 107 f' Dok J. L-istima moghtija f'Dok J li saret fl-10 ta' Ottubru 2002 kienet saret fuq inkarigu tal-esponenti u kienu l-atturi li qatt ma rrispondew jaqblux maghha jew le.

5. Illi l-esponenti ma jaqblux mal-lista moghtija f' dok G stante li d-deheb li jezisti huwa dak imsemmi u elenkat u valorizzat f'Dok K liema lista kienet bi qbil mal-partijiet meta d-deheb inzamm dejjem f'safety custody deposit box il-Bank of Valletta u inhareg bi qbil mal-partijiet kollha sabiex ittiehed ghand il-Konslu sabiex issir stima tieghu.

6. Illi rigward flus il-bank u investimenti l-esponenti dejjem ghaddew l-informazzjoni li rcevew mil-banek lill-atturi anke ghal dak li jirrigwarda l-mejjet missierhom u kienu anke offrew li jawtorizzaw lil banek jaghtu tali informazzjoni il-atturi stante li l-atturi baqghu jirrifjutaw li jaqblu ma' tali statements bankarji moghtija.

7. Illi del resto l-esponenti ma joggezzjonawx ghat-talbiet tal-atturi salv ghall-ispejjez tal-kawza stante li saret intempestivament tenut kont li l-atturi ghandhom l-informazzioni kollha dwar l-assi tal-genituri taghhom u (i) ghall-kumpens lil konvenut Goacchino Scerri li ilu ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena izomm dawn l-oggetti fil-garage li jinsab f'basement level bil-bieb principali numru erbgha u tletin (34) Triq il-Modd, l-Ibragg proprjeta tal-mittenti u (ii) spejjez tas-safety deposit box li fih kien jinsab id-deheb u li l-atturi dejjem irrifjutaw li jhallsu.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez .'

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati tal-mewt, testment pubbliku u iehor sigriet, korrispondenza, inventarji, stimi, statements tal-bank, ittri legali, ricerki testamentarji pubblici u sigrieti, ittra ufficjali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2019 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja a fol. 99 tal-process Dr Anna Mallia ghall-intimati ghamlet referenza ghan-nota guramentata a fol. 10 tal-process li fiha gie ddikjarat li taqbel mal-inventarju pprezentat mir-rikorrenti a fol. 24 tal-process liema oggetti jinsabu fil-proprjeta' ta' Gwakkinu Scerri gewwa St Andrew's u ghalhekk talbet lir-rikorrenti biex jinfurmawh lill-istess Gwakkinu Scerri meta sejrin ghal dawn l-oggetti. Indikaw ukoll li qablu fuq l-istima;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Frar, 2020 Dr Victoria Cuschieri ghar-rikorrenti talbet l-allegazzjoni tal-process fl-istess ismijiet bir-rikors guramentat numru 910/2004AF li gie deciz fis-7 ta' Ottubru, 2015, rat li Dr Anna Mallia ghall-intimati m'oggezzjonatx u rat li l-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-atti tal-process 910/2004AF fl-istess ismijiet allegati mal-kawza odjerna;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet ipprezentata nhar id-29 ta' Ottubru, 2020 a fol. 162 et seq tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2021 a fol. 191 tal-process Dr Anna Mallia ghall-intimati vverbalizzat illi ghall-klienti taghha l-oggetti

li hemm fil-garaxx li skont huma m'ghandhomx valur m'ghandhomx oggezzjoni li jigu mehuda mir-rikorrenti;

Rat ir-rikors tal-intimati ntavolat nhar il-25 ta' Frar, 2021 fejn talbu li l-Qorti tawtorizza lill-intimat Giacchino Scerri jiddisponi mill-oggetti mobbli li jinsabu fil-garaxx proprjeta' tieghu fi Triq il-Mod, Ibragg, rat ir-risposta tar-rikorrenti ntavolata nhar is-26 ta' Mejju, 2021 fejn iddikjaraw li jekk fil-garaxx jinsabu biss l-oggetti ndikati fl-inventarju Dok J, jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni ghat-talba mressqa mill-intimati u dan gjaladarba ntlahaq qbil dwar il-valur tal-istess oggetti mobbli fl-ammont ta' €3440, tawtorizza lill-intimati li jiddisponu mill-istess u rat id-digriet tal-Qorti moghti fl-1 ta' Gunju, 2021 fejn il-Qorti laqghet it-talba sabiex l-intimati jiddisponu mill-mobbli li l-valur taghhom gie maqbul u li jinsabu fil-garaxx f'basement Triq il-Mod, Ibragg filwaqt li thalli mpregudikati bejn il-partijiet id-drittijiet taghhom fil-konfront tal-valur maqbul tal-istess u in oltre id-drittijiet ulterjuri taghhom fil-konfront tal-oggetti tad-deheb li huma specifikament eskluzi minn din l-awtorizzazzjoni;

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta` tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti fil-qosor:**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Carmen Braddick Southgate u Joseph Scerri, flimkien mal-intimati Teresa sive Tessie Cassar u Giacchino Scerri huma lkoll ahwa wlied il-mejtin Carmelo Scerri u Helen nee' Lightfoot.

2. Illi Carmelo Scerri miet fis-7 ta' Marzu, 2003 (ara certifikat tal-mewt a fol. 6A tal-process) filwaqt li martu Helen Scerri mietet fl-10 ta' Lulju, 1998 (ara certifikat tal-mewt a fol. 6 tal-process).

   L-imsemmija Helen Scerri kienet ghamlet testment *unica charta* flimkien ma' zewgha Carmelo Scerri datat 13 ta' Ottubru, 1992 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani fejn halliet bhala uzufrutwarju lil zewgha Carmelo, filwaqt li nnominat bhala eredi universali lil erba' (4) wliedha - l-partijiet fil-kawza odjerna (ara testment a fol. 7 et seq tal-process).

   Id-disposizzjonijiet testamentarji l-aktar ta' rilevanza fit-testment *unica charta* tat-13 ta' Ottubru, 1992 huma s-segwenti:

   '**IT-TIENI ARTIKOLU:-**

**IT-TESTATURI** Konjugi Scerri qed ihallu lill-xulxin u reciprokament l-usu u l-usufrutt tal-generalita' ta' l-assi rispettiv taghhom vita durante tas-superstiti fosthom, jesentaw lill-xulxin u reciprokament mill-obbligu tal-formazzjoni ta' l-inventarju u il-prestazzjoni tal-kawzjoni kif rikjest mill-ligi u anke jatu lill-xulxin l-fakolta' reciproka li s-superstiti fosthom ikun jista' jbiddel, ivarja, jimmodifika u anke jikkancella dan it-testment in kwantu jirrigwarda l-assi tieghu personali minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet stabiliti fil-ligi.

...

**<u>IR-RABA' ARTIKOLU:-</u>**

**SALV IL-PREMESS**, it-Testaturi Konjugi Scerri qed jinnominaw u jistitwixxu bhala unici eredi universali u proprietarji assoluti tal-generalita' tal-gid taghhom kollhu huma fejn huma lill-erba' wliedhom u cioe' :- CARMEN MART MICHAEL BRADDICK SOUTHGATE, TERESA SIVE TESSIE MART HARRY CASSAR, GIOCCHINO U JOSEPH AHWA SCERRI, fi kwoti ndaqs bejniethom bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom jew dixxendenti ulterjuri.'.

Illi l-imsemmi Carmelo Scerri mbaghad kien hassar it-testment *unica charta* permezz ta' testment sigriet maghmul

fl-20 ta' Novembru, 1998 u ppubblikat fl-10 ta' Settembru, 2002 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani (ara testment a fol. 9 et seq tal-process) fejn permezz tieghu kien iddizeredita' kompletament u totalment liz-zewg uliedu Carmen mart Michael Braddick Southgate u Joseph ahwa Scerri.

Id-disposizzjonijiet testamentarji l-aktar ta' rilevanza f'dan it-testment sigriet kienu s-segwenti:

'**IT-TIENI ARTIKOLU:-**

**QED** niddiseredita' kompletament u totalment liz-zewg uliedhi CARMEN MART MICHAEL BRADDICK SOUTHGATE u JOSEPH AHWA SCERRI u dana minhabba mohqrija mentali, malafama u anke talli wara l-mewt ta' ommhom ma riedu bl-ebda mod jiffirmaw id-dokumenti necessarji fil-Banek halli nista' ngawdi l-usufrutt lilhi mholli minn marthi ta' gidha li inhabba hekk kelli noqghod nittallab il-karita' minghand iz-zewg uliedhi l-ohra

**IT-TIELET ARTIKOLU**

**SALV IL-PREMESS**, nappunta u nistitwixxi bhala eredi universali u proprietarji assoluti tal-generalita' ta' l-assi tieghi kollu huwa fejn huwa liz-zewg uliedhi u cioe':- TERESA SIVE TESSIE MART HARRY CASSAR u GIOACCHINO, AHWA SCERRI, fi kwoti

ndaqs bejniethom, bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom jew dixxendenti ulterjuri.'.

3. Illi r-rikorrenti Carmen Braddick Southgate u Joseph Scerri kkontestaw id-diseredazzjoni taghhom permezz ta' kawza fl-istess ismijiet bir-rikors guramentat numru 910/2004AF li giet deciza fis-7 ta' Ottubru, 2015 u fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li d-disposizzjoni tad-diseredazzjoni fit-testment sigriet tal-20 ta' Novembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani ma tiswiex u konsegwentament iddikjarat li r-rikorrenti huma ntitolati ghall-legittima mill-wirt ta' missierhom Carmelo Scerri (ara decizjoni a fol. 222 et seq tal-process 910/2004AF allegat mal-kawza odjerna). Din id-decizjoni ghaddiet in gudikat billi jirrizulta li ma sar l-ebda appell minnha.

4. Ir-rikorrenti jsostnu li la qablu dwar l-assi ereditarji tal-genituri taghhom mal-intimati, u wisq anqas qablu mal-intimati dwar kif ghandu jinqasam l-wirt taz-zewg genituri, partikolarment ma qablux x'inhu s-sehem tar-rikorrenti mill-wirt u successjoni tal-missier Carmelo Scerri.

   Ghalhekk ir-rikorrenti fethu l-kawza odjerna fejn fost affarijiet ohra talbu li l-Qorti tillikwida separatament l-assi ereditarji tal-mejtin genituri taghhom Helen Scerri u Carmelo Scerri. Talbu wkoll li jigi diviz l-assi ereditarji ta' Helen Scerri f'erba' porzjonijiet b'mod ugwali bejn il-partijiet u tillikwida s-sehem tar-rikorrenti mill-wirt ta' missierhom

Carmelo Scerri qua d-dritt taghhom ghal-legittima mill-istess wirt.

**Eccezzjoni preliminari:**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom l-intimati eccepew illi r-rikorrenti ghandhom jiprezentaw ir-ricerki testamentarji tal-mejta Carmelo u Helen konjugi Scerri.

Illi mill-atti jirrizulta li gew esebiti kemm ir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti tal-mejta Helen Scerri a fol. 127 tal-process u 133 et seq tal-process, kif ukoll ir-ricerki pubblici ta' Carmelo Scerri a fol. 136 et seq tal-process filwaqt li r-ricerki sigrieti gew esebiti fil-process fl-istess ismijiet bir-rikors guramentat numru 910/2004AF a fol. 59. Mir-ricerki pubblici ta' Carmelo Scerri jirrizulta li sar testment wiehed biss pubbliku dak tat-13 ta' Ottubru, 1992 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, filwaqt li jirrizulta wkoll li saret l-apertura u pubblikazzjoni tat-testment sigriet fl-10 ta' Settembru, 2002. Ikkunsidrat li r-ricerki sigriet u pubblici ta' Helen u Carmelo konjugi Scerri gew ipprezentati fl-atti, l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara din l-eccezzjoni bhala sorvolata.

**Assi in divizjoni:**

Illi r-rikorrenti fl-ewwel talba taghhom jitolbu li din il-Qorti tillikwida separatament l-assi ereditarji tal-genituri Helen Scerri u Carmelo Scerri billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u mmobbli kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Mill-atti ma jirrizultax li bejn il-mejtin Carmelo u Helen konjugi Scerri kien hemm ezistenti r-regim tas-separazzjoni tal-akkwisti ghalhekk ai termini tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1316 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma jkunx hemm ftehim xort' ohra b'att pubbliku, iz-zwieg li jsir f'Malta igib *ipso jure* bejn il-mizzewgin il-komunjoni tal-akkwisti. Jsegwi li r-regim ezistenti bejn il-konjugi Scerri kien dak tal-komunjoni tal-akkwisti b'dan li dak kollu akkwistat fiz-zwieg mill-konjugi Scerri kien mizmum fi kwota ta' nofs (1/2) indiviz kull wiehed minnhom.

**<u>Flejjes, kontijiet bankarji, deheb u oggetti mobbli:</u>**

<u>Flejjes:</u>

Illi bejn il-partijiet m'hemmx qbil jekk fid-dar matrimonjali tal-konjugi Scerri kienx hemm l-ammont fi flus kontanti ta' tlett mija hamsa u tmenin lira u sitt centezmi tal-munita l-antika (Lm385.06) ekwivalenti ghal tmien mija sitta u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€896.95).

Dwar dawn il-flus kontanti r-rikorrenti Carmen Braddick Southgate fl-affidavit taghha a fol. 116 et seq tal-process tghid illi:

> '13. Dwar il-flus kontanti nghid illi jiena naf li kien hemm tlett mija u hamsa u tmenin Lira Maltin u sitt centezmi (LM385.06) [illum tmien mija u sebgha u dishin Euro u dsatax-il centezmu (€897.18c)] illi kienu jinzammu fil-

gradenza ta' ommna Helen. Dan kien sahansitra gie ddikjarat u mnizzel min-Nutar Anthony Grech Trapani meta kien qieghed jinqara' t-testment tal-istess omm (Dok.B anness).

14. Nghid illi d-dar tal-genituri tieghi kienet giet zbarazzata kompletament minn Teresa u Gwakkin u l-flus indikati qatt ma regghu tfaccaw. Jiena u hija Joseph nixtiequ nkunu nafu x'sar minnhom dawn il-fondi illi jiffurmaw parti mill-assi ereditarji ta' ommna.'.

Sabiex isahhu l-argument taghhom ir-rikorrenti pprezentaw dokument konsistenti f'fotokopja ta' dokumenti tal-bank wahda minnhom fuq isem Helen Scerri li fuq l-istess karta hemm imnizzel bl-uzu tal-pinna l-kliem '*Flus id-dar Lm385.06*' u liema dokument huwa ttimbrat minn Nutar Anthony Grech Trapani (fol. 120). Sfortunatament in-Nutar Anthony Grech Trapani miet fil-mori tal-kawza u ghalhekk ma setax jikkonferma l-allegata laqgha li saret bejn il-partijiet u l-veracita' o meno dwar l-ezistenza ta' dawn il-flus kontanti.

Illi l-intimati jichdu l-ezistenza ta' flus kontanti fid-dar tal-genituri u nfatti l-intimat Gioacchino sive Jack Scerri fl-affidavit tieghu a fol. 226 et seq tal-process jghid:

'12. Rigward il-flus kontanti li ohti Carmen tghid li missieri kellu fid-dar, jien kont naf li missieri kien izomm kexxun imsakkar imma jien ma kontx naf x'fih. Jien flus id-dar cash qatt ma rajt u ghalhekk ma naqbilx li kien hemm il-flus.

Saqsejt lil ohti Teresa dwar dan u anke hija l-istess qaltli li flus id-dar ta' missieri qatt ma rat.'

Il-Qorti tinnota wkoll li fl-atti l-intimati pprezentaw korrispondenza bejn il-partijiet fejn jirrizulta li fihom ukoll cahdu l-ezistenza tal-flus kontanti ghalkemm iddikjaraw li kienu lesti li jaccettaw li dan l-ammont ta' tlett mija hamsa u tmenin lira u sitt centezmi tal-munita l-antika (Lm385.06) ekwivalenti ghal tmien mija sitta u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€896.95) jinqasmu fi tnejn u jigi kkunsidrat li nofs l-ammont kien tal-mejta Helen Scerri u n-nofs l-iehor tal-mejjet Carmelo Scerri.

Illi fid-dawl taz-zewg verzjonijiet u tad-dokumenti esebiti fl-atti, il-Qorti hija propensa li tqis li l-ammont indikat kien verament jezisti u dan ghaliex ma jaghmilx sens li l-mejta konjugi Scerri ma kellhomx ammont kontanti d-dar. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara l-ammont ta' tmien mija sitta u disghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€896.95) bhala formanti parti mill-assi in divizjoni tal-mejta Carmelo u Helen konjugi Scerri.

<u>Kontijiet bankarji:</u>

Illi mill-atti jirrizulta li l-mejtin Carmelo u Helen konjugi Scerri kellhom is-segwenti kontijiet bankarji:

i. Kont bankarju mal-Bank HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 039-000088-100 f'isem Helen Scerri li fiz-zmien ta' maturita' fit-28 ta' Jannar, 2019 kien fl-ammont ta' €17,629.35 (ara statements

esebiti mir-rapprezentant tal-Bank HSBC Bank Malta plc a fol. 70 et seq tal-process).

ii. Kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru tal-kont 10702739012 f'isem Helen Scerri li sat-22 ta' Dicembru, 2017 kien fl-ammont ta' €8,471.69 (ara statement esebit mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc a fol. 91 tal-process).

Deheb:

Illi dwar id-deheb il-Qorti taghmel referenza ghan-nota konguntiva tal-partijiet prezentata nhar id-29 ta' Ottubru, 2020 a fol. 162 et seq tal-process fejn inghadkif isegwi:

> '1. Il-valur tad-deheb msemmi f'**DOK.K** mar-rikors guramentat, ghal valur totali ta' €5072.71 moghti fis-sena 2017, hemm qbil fuqu;
>
> ...
>
> 6. Illi hemm qbil illi d-deheb elenkat f'**DOK.G** jinsab elenkat u vvalutat f'**DOK.K**, eccetto può, it-tielet folja/pagna ta' **DOK.G** – intitolata "Items of Jewellery pertaining to the late Carmelo Scerri" li ma hix inkuluza f'Dok. K. Fir-rigward ta' dawn l-ahhar oggetti illi kienu jappartjenu lil Carmelo Xerri l-partijiet jiddikjaraw illi qeghdin jaqblu mal-istima maghmula fil-21 ta' Frar 2019 illi qieghda tigi annessa mal-prezenti nota u mmarkata bhala Dok. XYZ. Ir-rikorrenti min-naha taghhom u b'referenza ghall-kontentut ta' paragrafu 10 tal-affidavit ta' Carmen Braddick Southgate, f'dan l-istadju

jiddikjaraw illi huma ghazlu li jaccettaw l-istima hawn annessa bil-ghan illi dan il-punt jigi wkoll rizolt bi qbil.'

Illi d-dokument li ghalih issir referenza fin-nota konguntiva bhala Dok XYZ gie esebit a fol. 188 tal-process li jikkonsisti fi stima tal-Konslu fejn jindika l-valur ta' tlett (3) oggetti konsistenti fi '(i) one wedding ring (ii) one ring with initials (iii) one necklace and one cross' li ghandhom il-valur kumplessiv ta' €1820.

Illi ghalhekk minn din in-nota jirrizulta li bejn il-partijiet hemm qbil li l-valur kumplessiv ta' deheb li l-mejta Carmelo u Helen konjugi Scerri kellhom kien dak ta' €5072.71 + €1820 fl-ammont globali ta' €6892.71.

Il-qorti rat li r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jaghmlu referenza ghal fatt li whud mid-deheb tal-mejta Helen Scerri huma parafernali ghalkemm jghidu wkoll li m'ghandhomx prova ta' dan. Il-Qorti tikkonferma li fl-atti ma tressqux provi dwar deheb parafernali tal-mejta Helen Scerri b'dan li l-Qorti ma tistax tistrieh fuq semplici dikjarazzjoni u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad dan l-argument.

<u>Oggetti mobbli:</u>

Illi l-oggetti mobbli li ssir referenza ghalihom huma l-ghamara kollha li kienet tinsab fir-residenza tal-mejta Carmelo u Helen konjugi Scerri. Mill-atti rrizulta li l-mobbli kollha ezistenti fil-fond

kienu gew imnehhija mill-fond matrimonjali u tpoggw f'garaxx proprjeta' tal-intimat Giacchino Scerri u dan billi l-fond kien ta' terzi u mhux tal-konjugi Scerri. Fin-nota konguntiva a fol. 162 tal-process gie dikjarat:

> '5. Illi hemm qbil illi l-inventarju **Dok. I** huwa nkorporat, ghal finijiet ta' valur, f'**DOK J**, liema assi jgibu valur ta' Lm 1135.90, jew ahjar €2,646.65 f'Ottubru 2002. Dwar dan hemm qbil, b'dan illi skond l-intimati llum l-oggetti de quo ma ghandhom l-ebda valur;'

In segwitu ghal qbil bejn il-partijiet dwar il-valur ta' dawn il-mobbli l-Qorti ser tghaddi sabiex tqis l-valur bhala dak ta' €2,646.65 u dan billi fil-mori tal-kawza l-intimat Giacchino Scerri gie awtorizzat jiddisponi mill-oggetti misjuba fil-garaxx tieghu.

**Sehem il-partijiet mill-assi tal-omm:**

Minn dak li rrizulta fil-paragrafi precedenti mill-assi tal-omm Helen Scerri kull wiehed u wahda mill-partijiet imissa s-segwenti:

i. flejjes - €896.95/2 = €448.48 (sehem Helen Scerri)/4 = €112.12 kull parti.

ii. kont bankarju HSBC Bank Malta plc - €10,895.29 (mal-iskadenza tas-sena 1998) /2 = €5,447.65/4 = €1361.91 kull parti.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti argumentaw li mid-data tal-mewt tal-missier u cioe' mis-7 ta' Marzu, 2002 il-quddiem

l-imghax fuq is-somma ghandu jitqies bhala nofs tal-missier u nofs tal-omm b'dan li mill-imghax tal-omm ghandhom dritt ghal kwart (1/4) kull wiehed. Il-Qorti taqbel ma' dak argumentat mir-rikorrenti u ghalhekk wara li ghamlet il-kalkoli necessarji rrizulta li r-rikorrenti in kwantu mghax minn wara d-data tas-7 ta' Marzu, 2002 sa Jannar, 2019 (id-data ta' l-ahhar statement esebit fl-atti) ghandhom jigbru l-ammont ta' €694.82 kull wiehed.

Ghalhekk total mill-kont bankarju HSBC Bank Malta plc inkwantu sehem l-omm Helen Scerri huwa dak ta' €2,056.73 kull wiehed.

iii. kont bankarju Bank of Valletta plc - €8,471.69 (fis-sena 2017 billi fl-atti ma jirrizultax il-bilanc fis-sena tal-mewt ta' Helen Scerri)/2 = €4,235.85/4 = €1058.96 kull parti.

Fl-atti ma gewx esebiti statements dettaljati ghalhekk il-Qorti ma tistax tahdem bl-istess metodu ndikat fil-paragrafu precedenti mmarkat bin-numru ruman ii. fir-rigward l-imghax minn wara d-data tal-mewt tal-missier fis-7 ta' Marzu, 2002.

iv. deheb - €6892.71/2 = €3,446.36/4 = €861.59.

Fir-rigward id-deheb il-Qorti tqis li s-sehem tal-mejta ommhom Helen Scerri kull parti ghandha tiehu l-ekwivalenti f'deheb fl-ammont indikat ta' €861.59 skont il-valuri li jirrizultaw mill-istimi tal-Konslu liema stimi gew esebiti fl-atti a fol. 37 et seq tal-process. F'kaz li l-ammonti ta' deheb ma jigux bl-ezatt ghandu jkun hemm l-ekwiparazzjoni necessarja mill-partijiet. Sabiex isir id-divizjoni f'boroz il-Qorti ser tahtar lill-Konslu ghall-Haddiema d-Deheb u l-

Haddiema l-Fidda (Argentiera) sabiex jiddividi l-oggetti ndikati fl-istima redatta fis-16 ta' Marzu, 2017 u bil-valur hemm indikati f'erba' boroz ghal ekwivalenti ta' €861.59.

v. oggetti mobbli – stante li jirrizulta li l-oggetti mobbli ddispona minnhom l-intimat Giacchino Scerri hekk kif awtorizzat mill-Qorti, l-Qorti ser tiddikjara li m'ghadx hemm oggetti mobbli x'jigu divizi fl-assi tal-mejta Helen Scerri. Ovvjament il-partijiet ma jmisshom xejn in vista' li qablu li maz-zmien dawn tilfu kull valur li seta' kelllhom.

**<u>Likwidazzjoni tal-legittima tar-rikorrenti mill-assi tal-missier Carmelo Scerri:</u>**

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-mejjet Carmelo Scerri miet fis-7 ta' Marzu, 2002 ghalhekk il-ftuh ta' wirt sar qabel l-emendi li dahlu fil-ligi tas-successjoni fl-2004 li qabel kienet maghrufa bhala l-legittima.

Dwar il-likwidazzjoni tal-legittima l-kwota li jmiss lir-rikorrenti hija dik ta' 1/12 kull wiehed u dan peress li f'dan il-kaz l-ulied huma erba' (4) u ghalhekk jispetta lir-rikorrenti porzjon minn erbgha (1/4) ta' terz (1/3). Illi din il-kwota ta' 1/12 tirrapprezenta s-segwenti beni:

i. flejjes - €896.95/2 = €448.48 (sehem Carmelo Scerri) - 1/12 ta' €448.48 = €37.37 kull rikorrent.

ii. kont bankarju HSBC Bank Malta plc – illi l-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u taqbel mal-argument avanzat mir-rikorrenti li huma ntitolati ghal legittima ta' 1/12 fuq l-imghax mid-data tal-mewt tal-omm fl-10 ta' Lulju, 1998 sad-data tal-mewt tal-missier fis-7 ta' Marzu, 2002. Il-Qorti temmen ukoll li r-rikorrenti huma ntitolati ghal-legittima fuq nofs l-imghax mid-data tal-mewt tal-missier fis-7 ta' Marzu, 2002 il-quddiem dan apparti l-legittima fuq l-ammont depositat il-bank.

Wara li l-Qorti ghamlet il-kalkoli necessarji konsistenti fl-ammont ta' €5,447.65 (ammont ezistenti fil-kont fis-sena 1998) + €2,779.26 (nofs (1/2) l-interessi mis-sena 2002 sas-sena 2018) + €1744.35 (imghax mill-mewt tal-omm sal-mewt tal-missier) jirrizulta total ta' €9,971.26. 1/12 ta' €9,971.26 = €830.94 legittima kull rikorrent.

iii. kont bankarju Bank of Valletta plc - €8,471.69 (fis-sena 2017 billi fl-atti ma jirrizultax il-bilanc fis-snin sussegwenti)/2 = €4,235.85 – 1/12 ta' €4,235.85 = €352.99 kull rikorrent.

iv. deheb - €6892.71/2 = €3,446.36 – 1/12 ta' €3,446.36 = €287.20 kull rikorrent.

v. oggetti mobbli – gjaladarba jirrizulta li l-oggetti mobbli kienu ezistenti fid-data tal-mewt tal-missier r-rikorrenti huma ntitolati ghall-legittima fuq il-valur. Fl-atti jirrizulta li hemm qbil dwar il-valur tal-mobbli konsistenti fl-ammont ta' €2,646.65. Nofs il-valur tal-mobbli li jirrapprezentaw il-beni tal-mejjet Carmelo Scerri huma €1,323.33. 1/12 ta' €1,323.33 = €110.28.

Total tal-legittima dovuta lil kull rikorrenti hija fl-ammont ta' €1,618.78.

Illi fil-hames talba r-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu dik is-somma hekk likwidata ai termini tat-tielet talba, bl-imghax skond il-ligi (Art. 615 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Dwar l-imghax mill-atti jirrizulta li l-ewwel interpellazzjoni ufficjali ghall-legittima saret permezz tal-prezentata tal-kawza u ghalhekk fis-26 ta' Frar, 2018 ammont konsiderevoli ta' snin wara l-mewt tal-missier Carmelo Scerri. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom il-jedd ghall-imghax legali fuq il-kreditu taghhom likwidat bhala legittima aktar il-fuq mid-data tas-26 ta' Frar, 2018 u cioe' mid-data' tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Spejjez reklamati mill-intimati:</u>**

L-intimati jsostnu li r-rikorrenti ghandhom ihallsu l-ispejjez sabiex inharget il-valutazzjoni tad-deheb tal-omm u tal-missier Helen u Carmelo konjugi Scerri mill-Konslu, kif ukoll l-ispejjez tas-safe deposit locker li fih inzamm ghal diversi snin id-deheb tal-omm.

L-ispejjez tal-Konslu jirrizultaw mill-istima nfisha a fol. 37 et seq u fol. 188 tal-process in total jirrizulta li huma fis-somma ta' €70.39. Mill-atti jirrizulta li dawn l-istejjem intuzaw mhux biss ghall-likwidazzjoni tal-legittima tal-missier Carmelo Scerri, izda wkoll fid-divizjoni tal-assi tal-omm Helen Scerri. Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis li dawn l-ispejjez ghandhom jigu divizi fi kwart (1/4)

kull parti biex b'hekk ir-rikorrenti ghandhom jirrifondu l-ammont ta' €17.60 lill-intimati.

Dwar l-ispejjez tas-'*safe deposit box*' mizmuma mal-Bank of Valletta plc l-Qorti tinnota li l-ammont totali reklamat mill-intimati huwa dak ta' €519.32 sa April, 2017. Fl-atti gie esebit rendikont u l-'*istatements*' tal-bank a fol. 255 et seq tal-process. Gjaladarba dan is-'*safe deposit locker*' kien intiz sabiex fih jinzammu l-oggetti tal-wirt fl-ahjar interess tal-partijiet kollha l-Qorti tqis li dan l-ammont ukoll ghandu jigi diviz bejn l-erba' partijiet fil-kawza odjerna. Ghaldaqstant ir-rikorrenti jridu jhallsu lill-intimat l-ammont ta' €129.83 kull wiehed biex b'hekk it-total ta' ammont dovut mir-rikorrenti lill-intimati huwa dak ta' €147.43 kull wiehed.

Illi dwar l-ispejjez reklamati mill-intimat relatati mal-okkupazzjoni tal-garaxx il-Qorti tinnota li l-intimat ftit li xejn ghamel referenza ghalihom. Mill-atti jirrizulta li l-intimat ma ressaq l-ebda prova dwar il-valur tal-lokazzjoni tal-garaxx pretiza jew valur reklamat minnu ghall-okkupazzjoni. Il-Qorti rat ukoll li l-intimat lanqas ma ressaq kontro-talba f'dan is-sens ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad il-pretensjonijiet relatati mal-istess da parti tal-intimat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni preliminari sorvolata u tghaddi sabiex tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-assi ereditarji tal-mejtin Helen Scerri u Carmelo Scerri, omm u missier il-kontendenti, billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni kollha ndikati fis-sezzjoni '**Assi in divizjoni:**' aktar il' fuq f'din id-decizjoni.

3. Tilqa' t-tieni talba u taqsam l-istess assi ereditarji ta' Helen Scerri f'erba porzjonijiet b'mod ugwali bejn il-partijiet hekk kif indikat fis-sezzjoni **'Sehem il-partijiet mill-assi tal-omm:'** biex jigi dovut lil kull wiehed u wahda mill-partijiet l-ammont ta' tlett elef mitejn sebgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3227.81) apparti d-deheb, fejn ghal fini tad-divizjoni tad-deheb tal-omm il-Qorti qed tahtar lill-Konslu sabiex jiddividi f'erba' porzjonijiet id-deheb sehem l-omm kull wiehed fil-valur ta' €861.59 skont l-istima misjuba fil-process a fol. 37 et seq tal-process u dan fit-termini ndikati fl-istess sezzjoni **'Sehem il-partijiet mill-assi tal-omm:'.**

4. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida s-sehem tar-rikorrenti mill-wirt tal-missier Carmelo Scerri rapprezentanti l-legittima mill-istess wirt hekk kif indikat fis-sezzjoni '**Likwidazzjoni tal-legittima tar-rikorrenti mill-assi tal-missier Carmelo Scerri:'** fl-ammont komplessiv ta' elf sitt mija u tmintax-il

Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,618.78) kull rikorrenti.

5. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom jithallsu mill-intimati s-somma ta' elf sitt mija u tmintax-il Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,618.78) likwidata ai termini tat-tielet talba.

6. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-intimati eredi ta' Carmelo Scerri jhallsu lir-rikorrenti s-somma likwidata ai termini tat-tielet talba ta' elf sitt mija u tmintax-il Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,618.78), bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna u cioe' mid-data tas-26 ta' Frar, 2018.

7. Tichad s-sitt talba billi l-oggetti mobbli li Giacchino Scerri ddispona minnhom sar wara qbil tal-partijiet kollha u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti bid-digriet tal-1 ta' Gunju, 2021;

8. Tilqa' s-seba' talba u tawtorizza, lill-Banek HSBC Bank Malta plc u lill-Bank of Valletta plc sabiex jirrilaxxaw il-flus li jinsabu depositati fil-Banek lir-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef mitejn sebgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3227.81) kull wiehed rapprezentanti sehem l-omm Helen Scerri, flimkien mas-somma ta' elf sitt mija u tmintax-il Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,618.78) kull wiehed rapprezentanti l-legittima mis-sehem tal-missier Carmelo Scerri li ma' dan l-ammont tal-legittima jrid jigi

mizjud l-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv. Il-bilanc ghandu jigu rilaxxati lill-intimati.

9. In addizzjoni r-rikorrenti ghandhom ihallsu lill-intimat Giacchino Scerri l-ammont ta' €147.43 kull wiehed rapprezentanti s-sehem dovut minnhom fuq spejjez inkorsi mill-istess intimat relatati mal-ereditajiet koncernati fil-kawza odjerna kif ahjar deskritt aktar il' fuq f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez relatati mad-divizjoni tal-assi tal-mejta Helen Scerri ghandhom jigu divizi fi kwart (1/4) indiviz kull wiehed bejn il-partijiet u l-ispejjez relatati mal-legittima tal-missier ghandhom jigu sopportati interament mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**10 ta' Jannar, 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Jannar, 2023**